# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.lc.gov.mt

22/19

**It-Tnejn u għoxrin (22) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 17 ta' Frar, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Ezekuttiv |
| | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skuzat: | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier |

Aġenda:

1. Talba
2. Qari u approvazzjoni tal-minuti 21/19
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti : Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata
    (a) Quarterly Report : Oct - Dec 2013
    (b) Annual Report : Jan - Dec 2013
    (c) Financial Report 2013
    (d) Performance Bonus tal-Impjegati
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

1 Il-laqgħa bdiet fis-6.50 ta' filgħaxija.

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li s-Sur Horace J. Anastasi bagħat ittra fis-17:55 li ma *setghax ikun prezenti.*

**2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti***

2.1 Il-Minuti 21/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 Korrezzjoni tal-Minuti 21/19
2.2.1 Minuta 4.2 – *titneħħa l-kelma "ta" u issir "ma" qabel il-kelma* Trasport.
2.2.2 Minuta 5.1- titneħħa il-kelma "Palazza" u ssir "Palazz".
2.2.3 Minuta 6 – ilment 330 titneħħa l-kelma "minn ghhand" u tiżdied il-kelma lil.

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa 21 ġew approvati unanimament wara li ġew ikkoreġuti.

**3. *Affarijiet li jitqajmu mill-minuti***

3.1 Minuta 3.1.2 – Is-Sindku staqsa jekk il-membri għandhomx xi rimarki fuq it-tabella li twaħħlet dan l-aħħar.

Il-Membri qablu unanimament sabiex nipproċedu b'dik l-ispecimen.

Is-Sindku rrimarka li hemm x' uħud mill-lampi li saru bejn 2005 u l-2013 għadhom mhux qed jidhru fuq s-site plan tal-Enemalta.

Is-Sindku irrimarka ukoll li x-xogħol tar-Residenza 43, Triq il-Parroċċa għoddu tlesta u għaldaqstant fuq parir legali il-lampa li kienet inqalgħet temporanjament għandha terga' titwaħħal.

3.2 Minuta 4.1 – Is-Sindku staqsa lill-Membru, s-Sur Jonathan Brimmer, fuq l-andament tal-laqgħa. Is-Sur Brimmer informa lill-Membri li meta attenda għall-Laqgħa ġew prezentati riċċerki fuq il-progetti. Huwa kompla billi informa lill-Membri li l-Erbgħa, 19 ta' Frar għandu laqgħa fl-uffiċċju amministrattiv man-nies konċernati fosthom anke mal-Youthworker. Il-Kunsill taż-żgħażagħ ser ikun imexxi minn Gianluca Degabriele.

3.3 Minuta 6, Ilment 332 – Is-Sindku nforma lill-Kuinsill li skont il-Contracts Manager m'hemmx x'iżżid mal-affarijiet li hemm diga.

3.4 Minuta 7 (a) - Is-Sindku għamel referenza għall-Live Streaming fejn qal li id-Dipartiment tal-Gvern Lokali se jgħati wkoll €1,000 kull sena għal 3 snin fuq Streaming pay plan u għaldaqstant ha jitlob sabiex il-kuntratt tal-Live Streaming mal-Kuntrattur li rebaħ it-tender ser jgħamlu l-istess għal 3 snin. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.5 Minuta 9.1 - Rigward l-attivita tal-Akkwadott iffjurit qal li flok it-3 ta' Mejju din ser issir fis-7 ta' Gunju. Dan it-tibdil ser isir minħabba li fit-3 ta' Mejju ser ikun hawn attivita' kbira oħra f'Ħal Qormi. F'dan l-istadju (7.20pm) l-Agent Segretarju Ezekuttiv gie skuzat għall-kumplament tal-laqgħa.

3.6 Minuta 9.2 - Is-Sindku qal li rigward il-Proġett tal-Youths "Move on, on Move" il-Kunsill għandu laqgħa mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali nhar is-6 ta' Marzu sabiex tigi spjegata s-sitwazzjoni.

3.7 Minuta 9.7 – Il-laqgħa mail-Każin tal-Partit Laburista ser issir il-Ħadd 23 ta' Frar 2014 fl-10.30am.

F'dan l-istadju (7.30pm) is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 7 ta' l-Agenda.

Il-Membri qablu unanimament

## 4. Ordnijiet tal-Ġurnata

### (a) Quarterly Report: Oct-Dec 2013

Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettal il-Quarterly Report Oct – Dec 2013.
Il-Membri qablu unanimament u r-rapport gie approvat

### (b) Annual Report: Jan – Dec 2013 u (c) Financial Report 2013

Is-Sur Chris Farrugia ipprezenta u spjega fid-dettal il-Financial u l-Annual Report li jrid jigi pprezentat sal-21 ta' Frar 2014.
Il-Membri qablu unaninmament u r-rapport ġie approvat

F'dan l-istadju (fit-8.15pm) l-Accountant ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

### (c) Performance Bonus ta' l-Impjegati

Is-Sindku ppreżenta l-Bonus appraisal tal-ħaddiema tas-sena 2013 u wara li ġew analiżżati u diskussa l-Membri qablu kif gej:

- Is-Sur Ranier Busuttil, Agent Segretarju Eżekuttiv, għandu jingħata 8%;
- Is-Sur Carmel Busuttil, Executive Officer, għandu jingħata 6%;
- Is-Sinjorina Sharon Mifsud, Clerk, għandha tingħata 5%.

Il-Membri evalwaw il-performance bonus appraisal ta' l-eks Segretarja Eżkeuttiv is-Sinjura Louise Anne Gusman li kienet tgħamel parti minn dan il-Kunsill bejn Jannar 2013 sa Mejju 2013.

Wara diskussjoni li matulha ġew elenkati diversi nuqqasijiet il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament li s-Sinjura Louise Anne Guzman ma laħqitx l-obbligi mitluba minnha matul is-sena 2013 u b'hekk il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jgħati persentaġġ ta' bonus lil imsemmija eks impjegata.

## 5. Korrispondenza

5.1 Ittra mingħand Remigio Zammit għal talba ta' Sleeping police fi Triq Braille qabel il-ġnien. Kien hemm qbil sabiex issir applikazzjoni ma' Transport Malta.

5.2 Talba sabiex F.Zammit Glass Works ta' Triq Misraħ il-Barrieri jirranġa il-bankina ta' quddiem binja tiegħu għas-spejjeż tiegħu.

Il-Kunsill qabel dwar dan a bażi li jinżammu l-istess livelli tal-bankina attwali.

5.3 One way system – Triq l-Omnibus area - Is-Sindku informa lill-Membri, li Transport Malta approvat il-proposta tat-Traffic management system għal parti minn Triq Misraħ il-Barrieri, Triq Omnibus, Triq il-Franka, Triq is-Soll u Triq il-Blata il-Kaħla fuq prova għal perjodu ta' xahar. Il-Yellow junction boxes fi Triq il-Kappillan ma ġewx approvati minn Transport Malta iżda il-Kunsill iħoss li hemm bżonnhom.

5.4 Is-Sindku informa lill-Membri fuq komunikazzjoni li ircieva mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u l-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jieħu sehem f'kompetizzjoni annwali ġdida bi premju ntitolata A+Accessibility Award fejn għaliha l-ikbar premju hu ta' €15,000. Is-Sindku ppropona lis-Sur Jason Mangani sabiex isejjaħ is-Sotto Kumitat u eventwalment issir diskussjoni fuq il-proposti fil-laqgħa li jmiss.

5.5 Is-Sindku informa lill-Membri fuq laqgħa li kellu mal-Malta Council for Culture & The Arts – Take 2 Entertainment fejn matul il-laqgħa ddiskutew jekk hux possibli li ssir Grafiti mal-ħajt ta' Apap Institute permezz ta' "powerwash". Grafiti oħra ssir mal-ħajt il-vojt fi Triq Vivion u dan ser isir fuq ħajt fake ta' l-injam sabiex ma ssirx ħsara fuq dan il-ħajt. Is-Sindku għamel enfasi sabiex waqt li jkun qiegħed isir dan il-proġett huwa importanti li ma jkunx ta' inkonvenjent għar-residenti infatt infurmhom sabiex jekk isir użu minn generator dan għandu jitpogga fit-tarag li jgħati għal taħt il-mini. Il-proġett għandu jibda mill-1 ta' Marzu sad-9 ta' Marzu. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex naraw il-possibilta li x-xogħol ma jsirx filgħaxija ħalli ma jkunx ta konvenjent għar-residenti.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

6. **Skeda ta' pagamenti** - dawn il-pagamenti [f'limkien mal-petty cash] ġew approvati unanimament.

Is-Sindku informa lill-Membri li ser jalloka bejn €15 u €20 fil-gimgħa ghall-fuel tal-van. Il-Membri qablu unanimament dwar dan.

## 7. Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 350 sa ilment numru 370.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 350 | Nikkuntatjaw lil min għamel l-ilment sabiex jiddentifika ezatt il-post. |
| 351 | Transport Malta – diġa hemm korrispondenza f'dan ir-rigward. |
| 352 | Koptasin |
| 353 | Koptasin (fejn Terranova) |
| 354 | Water Services Corporation |
| 355 | Il-problema li hemm hija relatata ma re-instatement li kien sar ħażin mill-WSC |
| 356 | Talba ġiet referuta lid-Dipartiment ta' l-Enemalta |
| 357 | Ġardinar |
| 358 | Transport Malta |
| 359 | Ħaddiema Assenjati |
| 360 | Ħaddiema Assenjati |
| 361 | Central Asphalt |
| 362 | L-istess bħal ilment 361 |
| 363 | L-istess bħal ilment 361 |
| 364 | Approvata minn Transport Malta |
| 365 | Ġardinar |
| 366 | Ħaddiema Assenjati |
| 367 | Koptasin |
| 368 | Koptasin |
| 369 | Ser jitqabbad Perit għal parir |
| 370 | Inqabbdu lil Kuntrattur privat |
| 370A | Tappiera fi Triq il-Kanun qabel ma' iddur ma Triq il-Kbira (fejn Swan |

| | |
|---|---|
| | Laundry) -- Ħaddiema Assenjati |
| 370B | Żbir fuq il-Konok fi Triq il-Kbira San Ġużepp – Gardinar |

7.1 F'dan l-istadju (fid-9.30pm) is-Sur Jonathan Brimmer ġie skużat għall- kumplament tal-laqgħa.

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ġew ippreżentati l-minuti tat-tielet laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi liema laqgħa saret fil-11 ta' Novembru 2013.

**9. Komunkazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku informa lill-Membri li bħalissa l-Kunsill qiegħed jindaga fuq l-art li hemm f'Misraħ il-Barrieri sabiex jivverifika ta' min hi din l-art.

Il-Membri qablu unanimament.

9.2 Is-Sindku infurmahom li sar arranġament mal-Bilom sabiex isir major patching tat-Triq Emmanul Attard u fi Triq il-Parata. Il-bankina ta' Triq il-Parata għandha issir minn naħa tiegħu ukoll.

Il-Membri qablu unanimament.

9.3 Is-Sindku informa lill-Membri dwar l-iżviluppi ta' Triq Ġdida fi Triq l-Imsida. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill mhux ser iħallas għall-ħsarat li jsiru minħabba trinka li l-Enemalta iridu jgħamlu fi Triq l-Imsida u dan wara li il-Kunsill għadu kemm nefaq il-flus sabiex din l-istess triq tigi irranġata.

Il-Membri qablu unanimament.

9.6 Is-Sindku kkomunika lill-Membri il-ħinijet il-ġodda li l-Kunsill ser jiftaħ għall-Pubbliku.

Il-Membri qablu unanimament.

**10. Aġġornament**

10.1 L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija b'agenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-Laqgħa intemmet fid-9.45 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum: